MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 744/2005

**Dr. Anthony Degaetano (ID 422256M)**
**u Josette Degaetano (ID 265159M)**

**Vs**

**Dr. Joseph Portelli Demajo**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm335.16c) jew somma verjuri llikwidata minn dan it-Tribunal rapprezentanti danni sofferti mill-attrici Josette Degaetano kwantu ghall-ispejjez medici mmedjati u danni ohra sofferti mill-attrici rapprezentanti hsarat ikkagunati fl-incident stradali li sehh

fil-21 ta' Novembru, 2003 fi Triq Filippu Castagna, l-Gudja fejn il-konvenut li b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBH 078 irriversja u laqat lill-attrici Josette Degaetano, barra mill-vettura taghha u ghaffigha mal-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni LEX 004 kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Bl-interessi u bl-ispejjez.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-responsabbilta' ghall-allegat incident tal-21 ta' Novembru, 2003 hija kollha ta' l-attrici in kwantu ma wzatx id-diligenza rikjesta mil-ligi fic-cirkostanzi. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni reklamati u f'kull kaz jidhru esagerati w eccessivi.

Sema' x-xhieda ta' PS 1429 Eric Mangion, PC 1094 Anthony Arthur Fenech, Dr Katya Zammit, Emanuel Vella, Elvio Debattista u ta' Dr Joseph Portelli Demajo.

Ra l-Affidavit ta' Dr Anthony Degaetano, Josette Degaetano u ta' Etienne Dalli.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Anthony Degaetano u ta' Dr Kris Balzan ghall-konvenut.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta' l-incident, il-konvenut kien qieghed fi Triq Filippu Castagna, l-Gudja. F'din it-triq hemm skola u ma jidhirx li din it-triq tinfed. Huwa kien qed jipprova jfittex xi indirizz. Huwa kien dahal go din it-triq u waqaf. Fl-istess hin, l-attrici li tghix fl-istess triq, kienet harget mid-dar bl-intenzjoni li tidhol gol-karozza taghha pparkjata. In-naha tad-driver kien ipparkjat in-naha ta' barra tat-triq u l-karozza kienet qieghda thares 'il barra biex b'hekk il-vettura ta' l-atturi u dik misjuqa mill-konvenut kienu qieghdin iharsu f'direzzjoni opposta ta' xulxin – *back to back*.

Gara illi fil-mument li l-attrici kienet qieghda ddahhal ic-cavetta fil-bieba tad-driver biex tidhol fil-karozza taghha, l-konvenut kien qieghed jirriversja u f'dak il-mument, il-vettura tieghu ghafget lill-attrici bejn il-karozza tieghu u l-karozza taghha.

B'rizultat ta' dan, l-attrici wegghet u anki saret xi hsara fil-vettura taghha cjoe' fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LEX 004.

Il-konvenut *ex admissis* jghid illi qabel l-incident huwa ma kienx innota lill-attrici u nduna biss li gara xi haga meta sema' tisbit mal-genb tal-vettura tieghu. Meta sema' hekk huwa saq ftit 'il quddiem u hareg biex jara x'gara.

It-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni biex jikkonkludi illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni stante li huwa kien qed jintenta manuvra ta' *reversing* u huwa evidenti li ma kienx qed izomm *a proper lookout* billi ma kienx induna li kien hemm l-attrici fit-triq tipprova tidhol fil-karozza taghha. Min jintenta manuvra ta' *reversing* ghandu joqghod attent li jista' jespleta tali manuvra minghajr xkiel u hsara partikolarment meta, kif anki xehed l-istess konvenut, fl-inhawi hemm skola u t-tfal kienu hiergin minn din l-iskola. Huwa minnu li l-attrici kienet fil-*blind corner* tieghu kieku kien qed ihares lura minn bejn is-seat tieghu u dak tan-naha tal-passiggier pero', kieku hares mis-*side mirror* kien jinduna bl-attrici. Hu ma rahiex u ghalhekk ma kienx qed izomm *a proper lookout*. Din mhux qabdet u harget ghal gharrieda. Hija mxiet sal-karozza taghha u kienet qed iddahhal ic-cavetta fil-bieba.

Jibqa' biex jinghad jekk l-attrici hijiex ukoll responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-mument li l-attrici nizlet mid-dar u marret biex tipprova tidhol fil-karozza taghha, ma kien hemm ebda ndikazzjoni li l-konvenut kien bihsiebu jirriversja. Hija ma kienetx qieghda thares fid-direzzjoni lejn il-vettura tal-konvenut u aktarx, mill-mod kif gie spjegat l-incident, hija kienet qieghda taghtih daru.

Huwa minnu li hija nnotat il-vettura tal-konvenut qabel l-incident, izda t-Tribunal huwa sodisfatt illi ma kien hemm xejn x'juri qabel ma hija marret biex tiftah il-bieba li dan is-sewwieq kien bihsiebu jirriversja u ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li hemm xi kontributorjeta' min-naha taghha.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni dawn gew debitament ikkonfermati kemm bl-ircevuti kif ukoll mix-xhieda kemm ta' l-atturi kif ukoll ta' Elvio Debattista u Etienne Dalli u ghalhekk it-talba kif dedotta jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm335.16c) bl-ispejjez.  L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------